## MEJJU

*Inħobbok, Mejju,*
*għax l-isbaħ xbar,*
*għax fuq l-Altar*
*tlellix ta' fjur*
*minn kull kulur...*
*Quddiem ix-xbieba*
*(f'dija sabiħa)*
*ta' l-Omm Ħanina,*
*b'ħarstha ħekk bnina,*
*f'ħuġġieġa nar*
*ta' dwal, bl-imrar*
*tersaq għajjiena*
*ir-ruħ u ħniena*
*titlob għall-ħtija*
*ta' l-faħxija,*
*w ileqqu d-dmugħ*
*ta' din ir-ruħ*
*nieżla ġo ħdanha;*
*tħenn is-Sultana,*
*tħenn għal dir-ruħ*
*li tibki w tnuħ...*
*Lubien, fjur, xemgħa,*
*għana ta' Sema*
*iqanqlu l-qalb*
*għall-ferħ, għat-talb:*
*tixgħel widdub*
*bl-imħabba l-qlub*
*f'dax-xbar ta' Mejju*
*xbar l-iktar ħlejju...*

Ramle – Israel

P. GIUSEPPI CREMONA O.F.M.